MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2014

Numru. 37/2014

**Il-Pulizija**
**[Spettur Roderick Agius]**
**[Spettur Joseph Agius]**

**vs**

**Konrad Cassar**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Konrad Cassar detentur tal-karta tal-identita` numru 0376677(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Dicembru tal-2013, fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:
Talli bejn l-ewwel gimgha ta' Novembru 2013, u l-bidu ta' Dicembru 2013, ikkommetta serq ta' diversi kaxxi tax-xorb

li huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) bil-persuna u bil-lok ghad-dannu ta' huh Dieter Cassar u/jew persuni ohra bi ksur tal-Artikolu 261(c), (d), (e), Art. 279(a), Art 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli wkoll nhar is-6 ta' Jannar 2014, ghall-habta tas-18:30hrs minn gewwa l-Qawra/San Pawl il-Bahar u f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Ford Transit, bin-numru tar-registrazzjoni JPY018, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) bil-persuna u bil-hin ghad-detriment ta' James Camilleri u jew peruna ohra;

Talli wkoll fl-istess lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb biss li jaghmel uzu temporanju, saq vettura tal-ghamla Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni JPY081, kemm b'forza mekkanika jew b'mod iehor naqas li jkollu il-permess tas-sid jew awtorita` kompetenti ohra;

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kiser il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati preseduti mill-Magistrat Dr A Mizzi LLD nhar l-4 ta' Marzu 2013, b'liema sentenza kien misjub hati ta' reat u gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin; u

Aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogtija mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-ezami tal-imputat li bih wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih hlief ghar-raba', il-hames u s-sitt akkuza kif dedotti kontrih li gew irtirati mill-prosekuzzjoni u rega' ikkonferma tali ammissjoni wara li ngahta z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Rat illli l-imputat ser jidhol fi programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga llum stess u kien hu stess li hass il-bzonn li jaghmel dan. Ghalhekk il-Qorti thoss illi piena karcerarja ma tkunx wahda idoneja ghalih.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(c)(d)(e) u (f), 267, 268, 269, 270, 279(a), 281(1) u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 61(1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Konrad Cassar hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal tlettax-il (13) xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2), b'dan illi tpoggih taht Ordni ta' Supervizjoni ghal dan il-perijodu.

Finalment, spjegat lill-imputat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tas-Supervision Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------